



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 172/22

il-Lussemburgu, is-27 ta' Ottubru 2022

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-470/21 | La Quadrature du Net *et* (Data personali u ġlieda kontra u ġlieda kontra l-vjolazzjoni)

L-Avukat Ġenerali Ewlieni Szpunar : awtorità nazzjonali għandha tkun tista' taċċedi għal data ta' identità ċivili flimkien ma' indirizzi IP meta din id-data tkun tikkostitwixxi l-uniku mezz ta' investigazzjoni li jippermetti l-identifikazzjoni tal-propjetarji ta' dawn l-indirizzi ssuspettati bi ksur tad-drittijiet tal-awtur fuq l-internet

Skont hu, tali proposta tissodisfa b'mod sħiħ ir-rekwiżit ta' proporzjonalità u tiżgura l-osservanza tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta

Il-kwistjoni taż-żamma u tal-aċċess għal ċerta data tal-utenti tal-internet hija kwistjoni ta' attwalità permanenti u hija s-suġġett ta' ġurisprudenza reċenti iżda diġà abbondanti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Erba' assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fuq l-Internet (La Quadrature du Net, Fédération des fournisseurs d'accès à Internet associatifs, Franciliens.net u French Data Network) ressqu quddiem il-Conseil d'État (Franza) talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita li permezz tagħha l-Prim Ministru ċaħad it-talba tagħhom intiża għat-tħassir ta' digriet. Għall-finijiet tal-protezzjoni ta' ċerti xogħlijiet intellettuali fuq l-Internet, ġie stabbilit ipproċessar awtomatizzat ta' data ta' natura personali.

L-għan ta' dan l-ipproċessar huwa li tintbagħat lil individwi t-twissija prevista fil-kodiċi tal-proprietà intellettuali, li għandu l-għan li jiġġielew ir-reat ikkwalifikat bħala "negliġenza kkaratterizzata", li jikkostitwixxi l-fatt li persuna ma tipprekludix li l-aċċess tagħha għall-Internet iservi biex jitwettqu atti ta' vjolazzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet mibgħuta lill-propjetarji ta' abbonamenti kkonċernati jsiru skont il-proċedura msejja "rispons gradwali". Dawn l-assoċjazzjonijiet effettivament isostnu li dan id-digriet jawtorizza l-aċċess għal data ta' konnessjoni b'mod sproporzjonat għal reati relattivi għad-dritt tal-awtur imwettqa fuq l-internet u nieqsa minn natura serja, mingħajr sħarriġ minn qabel min-naħa ta' qorti jew ta' awtorità li jkollha garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità, kif tistabbilixxi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ¹.

Il-Conseil d'État ikkonstata li, għall-finijiet ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-aġenti tal-Haute Autorité pour la diffusion des œuvres et la protection des droits sur Internet (HADOPI) (l-Awtorità Għolja għad-distribuzzjoni tax-xogħlijiet u għall-protezzjoni tad-drittijiet fuq l-internet) jiġbru, kull sena, numru kunsiderevoli ta' data dwar l-identità ċivili tal-utenti kkonċernati. Fid-dawl tal-volum ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-fatt li dan il-ġbir jiġi ssuġġettat għal sħarriġ minn qabel jirriskja li jagħmel impossibbli l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Huwa staqsa lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-portata ta' tali sħarriġ minn qabel u, b'mod partikolari, dwar il-kwistjoni jekk id-data ta' identità ċivili korrispondenti għal indirizz IP hijiex suġġetta għalih.

¹ Ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Tele2 Sverige u Watson *et*, C-203/15 u C-698/15 (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru 145/16).

Fil-konklużjonijiet tiegħu ippreżentati llum, l-Avukat Ġenerali Ewlieni Maciej Szpunar huwa tal-fehma li d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li **ma jipprekludix miżuri intiżi għal konservazzjoni ġġeneralizzata u mhux iddifferenzjata tal-indirizzi IP attribwiti fil-bidu ta' konnessjoni**, għal perijodu **limitat *ratione temporis* għal dak li huwa strettament neċessarju**, għall-finijiet li tiġi żgurata l-prevenzjoni, it-tfittxija, id-detezzjoni u l-proċedura kontra reati kriminali fuq l-internet li għalihom l-indirizz IP jikkostitwixxi **l-uniku** mezz ta' investigazzjoni li jippermetti l-identifikazzjoni tal-persuna lil kien attribwit lilha dan l-indirizz fil-mument tat-twettiq tar-reat. B'dan il-mod, huwa jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja ċertu **adattament** tal-ġurisprudenza relattiva għall-miżuri nazzjonali intiżi biex jinżammu l-indirizzi IP interpretati fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, **mingħajr madankollu ma terġa tpoġġi indiskussjoni l-ħtieġa ta' proporzjonalità imposta għaż-żamma tad-data**, fid-dawl tan-natura serja tal-indiżil fid-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

L-Avukat Ġenerali Ewlieni jżid jgħid li l-aċċess mill-Hadopi għad-data ta' identità ċivili marbuta ma' indirizz IP jidher li huwa wkoll iġġustifikat mill-għan ta' interess ġenerali li għalih ġiet imposta din iż-żamma fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, b'mod li l-aċċess għal din id-data **għandu jsir possibbli sabiex jintlaħaq l-istess għan, għaliex inkella titħalla l-impunità ġenerali għar-reati mwettqa esklużivament fuq l-internet**.

Fil-fehma tiegħu, id-dritt tal-Unjoni **ma jimponix l-eżistenza ta' sħarriġ minn qabel** tal-aċċess mill-Hadopi għad-data ta' identità ċivili marbuta mal-indirizzi IP tal-utenti minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, u dan għal żewġ raġunijiet: minn naħa, l-aċċess mill-Hadopi jibqa' **limitat biex jingħaqdu flimkien id-data ta' identità ċivili mal-indirizz IP użat u l-fajl li sar aċċess għalih f'mument preċiż**, mingħajr ma dan iwassal biex jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti li jirrikostitwixxu l-mogħdija ta' navigazzjoni fuq l-internet tal-utent ikkonċernat u lanqas, għalhekk, li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata lil hinn mill-għarfien tal-fajl preċiż li sar aċċess għalih fil-mument tar-reat. Min-naħa l-oħra, l-aċċess mill-Hadopi għad-data ta' identità ċivili marbuta mal-indirizzi IP huwa **strettament limitat għal dak li huwa neċessarju biex jintlaħaq l-għan imfittex**, jiġifieri l-prevenzjoni, it-tfittxija, id-detezzjoni u l-proċedura kontra reati kriminali fuq l-internet li għalihom l-indirizz IP jikkostitwixxi l-uniku mezz ta' investigazzjoni li jippermetti l-identifikazzjoni tal-persuna lil kien attribwit lilha dan l-indirizz fil-mument tat-twettiq tar-reat, li għalih ġie stabbilit il-mekkaniżmu ta' rispons gradwali.

L-Avukat Ġenerali Ewlieni jenfasizza fl-aħħar nett li l-proċedura ta' rispons gradwali jibqa' suġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2016/680 u li, għaldaqstant, il-persuni fiżiċi kkonċernati mill-Hadopi jibbenefikaw minn numru ta' garanziji materjali u proċedurali.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkun għew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett suspensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

